MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2449/2002

**The Catering Centre Company Limited
Vs**

**Ray Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 2002 fejn s-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' mija u sitta u sebghin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm176.26) dovut lill-kumpanija attrici bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lid-debitur fuq ordni tieghu stess.**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas, anke permezz ta' ittra bonarja datata 24 ta' Jannar,**

**2002 u ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru, 2002 baqa' inadempjenti.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja u ufficjali, kif ukoll bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta fejn intqal li t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt ghaliex il-pendenza bejn il-partijiet spiccat meta s-socjeta' attrici harget tliet (3) kambjali lill-konvenut u/jew missieru u dana hallashom kif jirrizulta mill-ircevuti.**

**Sema ix-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidra**

**Illi mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici jirrizulta l-kreditu dovut mill-konvenut.**

**Jigi rilevat li l-konvenut naqas li jipproduci xhieda in difesa tal-allegazzjonijiet tieghu.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija sitta u sebghin lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm176.26) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------